**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 115 – IT-TNEJN, 14 TA' JANNAR 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 114**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 114**

2.1 Ma kienx hemm punti imtella.

**3 Pagamenti Numru 101**

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil li jiġu approvati l-petty cash ta' Novembru.

**4 Performance Appraisal**

4.1 Kien hemm diskussjoni dettaljata dwar il-performance tal-istaff u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġie innutat li l-Kunsill kien qed jopera b'nuqqas ta' staff, u minkejja dan, is-servizzi xorta baqgħu jiġu offruti lir-residenti. Dan kien biss possibbli minħabba l-ħidma siewja li kien hemm matul is-sena mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mill-ħaddiema. Fid-dawl ta' dan, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-istaff kollu jingħata l-massimu tal-performance bonus. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar Ġnien Karin Grech. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu bagħat email lill-Prim Ministru biex jinfurmah fuq is-sitwazzjoni li jinsab fih il-Kunsill wara li l-Works Division baqa' ma tax risposta lill-Kunsill dwar dan il-proġett. Kien hemm ukoll telefonata mid-DLG dwar dan.

6 **Korrispondenza**

6.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm laqgħa mal-Faces dwar il-bus shelters fil-lokal.

6.2 Kien hemm qbil li napplikaw mal-AKL għall-iskema tal-personal accidents.

6.3 Ġiet innutata ċ-ċirkulari dwar il-laqgħa plenarja li ser issir f'Għawdex. Din iċ-ċirkulari ġiet mibgħuta b'email lill-membri tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffinanza lill-membri tal-Kunsill li jattendu kif ukoll lill-ispouses li jakkompanjaw lill-membri tal-Kunsill. Dawk li jixtiequ jattendu għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

6.4 Ġiet innutata li waħda mill-clerks li ġiet magħżula irriżenjat wara tliet ijiem. Jobs Plus reġgħu ħarġu sejħa oħra u hemm tliet kandidati li applikaw għall-post. Kien hemm qbil li l-interviews isiru l-Ġimgħa, 18 ta' Jannar 2019.

6.5 Ġiet innutata korrispondenza minn TM dwar zebra crossing fi Triq l-Istefanotis.

6.6 Kien hemm qbil li jsiru l-courses tat-TCTC. Dawn għandhom jiswew 2800 Ewro. Dawn għandhom isiru fin-Naxxar peress li l-Kunsill ta' San Ġwann m'hemmx fejn isiru.

6.7 Kien hemm qbil li jiġi ffinanzjat taħriġ ta' office administration għas-Segretarju Eżekuttiv. Dan għandu jiswa 800 Ewro.

6.8 Saret laqgħa maż-żgħażagħ taċ-ċentru. Dawn espremew il-frustrazzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' bandli fi Ġnien Karin Grech. Waqt din il-laqgħa ġiet spejgata għalfejn fi Ġnien Karin Grech tneħħew il-bandli u għalfejn dan il-ġnien għadu bla bandli.

6.9 Kien hemm qbil li jiġi ffinanzjat it-traffic management għal waqt il-purċissjoni tal-11 ta' Frar 2019.

6.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir tħawwil ta' 20 siġra taż-żebbuġ fil-masġar taż-żebbuġ fil-25 ta' Jannar 2019 flimkien ma' EKO Skola tal-iskola primarja ta' San Ġwann. Ġie ilmentat li meta jkun hemm xi laqgħa mal-iskola, għandha tattendi il-Kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni, is-sinjura Joan Farrugia.

7 **Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.50pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**